MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF
LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 478/1997/1

Joseph Cassar
vs
CGMO, Dipartiment tas-Sahha u b'digriet tad-29 ta' Dicembru 1988 l-okkju gie korrett ghal Tabib Principali tal-Gvern u Public Service Commission u l-Onorevoli Prim Ministru li gie kjamat fir-rikors b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1991.

Fl-1992 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjoni ghall-postijiet ta’ Supervisor.

Huwa kien applika ghall din il-pozizzjoni, ghamel interview u meta hargu r-rizultati sab li kien gie xi s-70 wiehed. Il-vakanzi kien mtlew sal-50 post biss. Ghaldaqstant kien thalla barra.

Huwa jaf li hafna minn dawn il-postijiet kienu mtlew minn nies ta’ anqas esperjenza u kwalifiki minnu. Tnejn minn dawn in-nies huma: Charles Bondin minn Haz-Zabbar u Charles Spiteri minn Hal-Tarxien.

Ta min isemmi li wiehed mit-tlieta li kien fuq il-Board kien is-Sur Michael Galea li jigi hu l-ex Ministru Louis Galea. Dan qallu li supervisors fuq il-Catering ma kienx hemm bzonn meta Charles Spiteri li kien fuq il-Catering lahaq Supervisor u baqa’ hemm.
Huwa hass li din l-ingustizzja saret mieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu, ghax huwa kellu kwalifiki bizzejjed.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjonijiet li huwa gie mtellef ingustament backdated jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm…

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent is-Sur Joseph Cassar qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7. ta' l-Estacode dwar il-hatriet li dwarhom hu qed jallega li ngustament inqabez.

Il-Kummissjoni irrilevat dan ghall-fini ta' Artikalu 5(3)(b) ta' l-Att VII ta' l-1977.
2. Illi fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju jinghad li ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' Supervisor fid-Dipartiment tas-Sahha li saret fit-28 ta' Mejju 1992 kienu applikaw tliet mija u tletin (330) persuna li minnhom hamsa u sittin (65) ma kienux eligibbli.

4. Illi fl-ghazla li saret fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni ghaddew mija u tmienja (108) fosthom ir-rikorrent li gie fis-sebghin (70) post fl-order of merit.

5. Illi minn din l-ghazla nhatru bhala Supervisors fid-Dipartiment tas-Sahha l-ewwel wiehed u hamsin (51) fl-order of merit.

6. Illi l-allegazzjoni li *'hafna minn dawn il-postijiet kienu mtlew minn nies ta' anqas esperjenza u kwalifiki'* hija allegazzjoni vaga li mhux sostanzjata.

7. Illi l-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-proceduri u l-ghazla finali saret b'mod korrett.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:
Illi rigward l-allegata promozzjoni fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern dan ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghall-applikazzjoni tinhareg mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord ta' l-Ghazla jintghazel mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu` dawk maghzula

jinghataw il-hatra taghhom mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Tali Procedura hija insindakabbli ai termini ta’ l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant it-Tabib Principali tal-Gvern fil-waqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent Joseph Cassar talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Risposta tal-Onorevoli Prim Ministru li eccepixxa:

Illi t-talba li qed issir kontra tieghu hija intempestiva fit-termini ta’ l-Artikolu 9 ta’ l-Att VIII tal-1997.

Subordinatament fil-mertu l-Prim Ministru ghamel referenza u addotta r-risposta diga pprezentata mill-intimati l-ohra appartenenti ghas-settur pubbliku.
Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent li ikkonferma l-ezattezza tal-kontenut tar-rikors u zied li hargu applikazzjonijiet ghall-postijiet ta’ Supervisor f’diversi sezzjonijiet, izda lilu kienu jinteressawh tal-catering. Qal li hu kellu diversi certifikati f’dan is-settur. Qal li hu kien gie s-70 wiehed. Semma li Charles Spiteri m’ghandu l-ebda kwalifika fil-catering izda kien dahal qablu bhala Hospital Auxiliary [ghalkemm mhux bhala kok] u li Charles Bondin ma kellux x’jaqsam mal-linja tal-catering. Izda dwar il-hamsin li saru ma setax

jghid li kollha tat-twemmin politiku oppost tieghu. Ir-rikorrent esebixxa numru ta’ certifikati fil-Catering.

Xehed Norman Worley Segretarju tal-Public Service Commission li dwar ir-rapport tal-interviewing board ghas-supervisors li sar fl-1992 qal dak hu rapport kunfidenzjali. Semma li l-bord kien kompost minn Michael Galea (Works Technical Officer), Paul Saliba (Administrative Assistant) u bhala rapprezentant tal-M.P.O u Anna Vella Executive Officer. Dwar il-kriterji stabbiliti qal li dawn kienu ‘ability to command and install discipline’ 60 minn 200, ‘esperjenza’ 30 minn 200, ‘suitability u efficiency’ 40 minn 200, ‘personalita’ 30 minn 200 u ‘standard of education’ 40 minn 200. Spjega li kien kompitu tal-bord li jaghmel il-verifiki li l-kandidat ikollu l-kwalifiki necessarji, u l-P.S.C. normalment timxi fuq dak li jirrizulta lis-selection board. Hu qal il-breakdown tal-marki tar-rikorrent kien 33 marka ghall-ability, 16 ghall-esperjenza, 22 ghal suitability, 16 ghall-personalita` u 22 ghall-education total ta’ 107 u gie s-sebghin wiehed. Qal li ghal din il-kariga applikaw 330 li minnhom ghaddew 108 u 50 inghataw l-appointment. Ma kellux awtorizazzjoni biex jesebixxi l-marki dwar Bondin u Spiteri.

Xehed Charles Spiteri Supervisor mad-Dipartiment tas-Sahha. Qal li sar supervisor fl-1994 wara li resaq ghall-intervista. Qal ukoll li hu hareg mis-sixth form elementari. Gie prodott il-personal file ta’ Spiteri.

Certifikati ta’ Charles Bondin ma setghux jigu prodotti minhabba li dan m’ghadux jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern. Il-partijiet l-ohra ghalkemm kienu awtorizzati jaghmlu dan baqghu ma pprezentaw ebda nota.

**KONKLUZJONIJIET:**

**A.** Dwar l-eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li **fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita’ ta’ dak kollu li ghamlet**

**jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta, it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tieghu fil-kawza fl-ismijiet “John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha” deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998 fejn dan it-Tribunal qal:

“Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta’ l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista’ tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:
Il-kwistjoni jekk -
(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;
(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita’ ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita’ bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 110 ta’ din il-Kostituzzjoni; jew
(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita’ ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan,
ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta’ l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija “sacra” u certament ma tista’ ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta’ l-intimat mhux koerenti ma’ l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta’ l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta’ “persuna aggravata”. L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk:

6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista’ titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita’ ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - “Ubi lex voluit, dixit”. Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti wkoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe`:
(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:

"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra Kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba.  Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.  Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat."

Ghall-istess motivi t-Tribunal jichad din l-eccezzjoni fil-kawza odjerna.

**B.** Dwar l-eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern li **rigward l-allegat promozzjoni fil-konfront tat-Tabib Principali tal-Gvern dan ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghall-applikazzjoni tinhareg mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** jinghad li l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li  "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."  Ghalhekk certament il-kawza trid tigi istitwita kontra t-Tabib Principali tal-Gvern bhala l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern in kwistjoni [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u  Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-istess Tabib Principali tal-Gvern.

**C.** Dwar l-eccezzjoni tal**-Onorevoli Prim Ministru li t-talba li qed issir kontra tieghu hija intempestiva** fit-termini ta’ l-Artikolu 9 ta’ l-Att VIII tal-1997, jinghad li ma rrizulta xejn intempestiv fit-talba tar-rikorrent li anzi kien marbut b’terminu qasir biex jippromwovi t-talba tieghu, u infatti t-Tribunal gja esprima dan fil-verbal tat-3 ta’ Novembru, 1999. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

**D.** Izda fl-istess hin min dan li gja inghad fuq [**B.**] **l-Onorevoli Prim Ministru ma hux il-legittimu kontradittur stante li mhux il-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni**, u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**E.** Dwar il-**meritu** jinghad li r-rikorrent ghamel diversi allegazzjonijiet dwar li persuni li hadu l-hatra ta’ supervisor gew mghejuna minhabba l-kulur politiku taghhom izda rrizulta minn depozizzjoni tieghu stess li kien hemm diversi persuni li hadu l-promozzjoni u kienu jappoggjaw lill-partit oppost. Hu sostna li hafna minn dawn il-postijiet kienu mtlew minn nies ta’ anqas esperjenza u kwalifiki minnu u indika specifikament lil Charles Bondin u lil Charles Spiteri. Huwa veru li r-rikorrent kellu problemi specjali biex jaghmel il-provi minhabba l-fatt li r-rapprezentant tal-Public Service Commission is-Sur Worley kien stqarr li ma kellux awtorizzazzjoni biex jaghti l-break down tal-marki ta’ Bondin u Spiteri. Izda jibqa’ l-fatt li quddiem it-Tribunal min jallega jrid jipprova u ghalkemm certament ir-rikorrent huwa bniedem ta’ certu kapacitajiet, biex it-Tribunal jasal li saret ingustizzja hu necessarju li jigi ppruvat li min lahaq qablu ma kienx jimmeritah jiehu l-promozzjoni daqs kemm kien haqqu r-rikorrent. Ir-rikorrent stess ammetta li Charles Spiteri kien dahal qablu bhala Hospital Auxiliary u jekk it-Tribunal m’ ghandux id-dettalji kollha certament ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja. Ir-rikorrent sostna li Spiteri m’ ghandux kwalifiki fil-catering bhalu. Ir-rikorrent sostna li Bondin u Spiteri huma nies illitterati izda dan ma giex pruvat. Biex tigi pruvata ingustizzja a tenur tal-Kapitolu 394 huwa necessarju li jigi pruvat li sar apprezzament zbaljat fil-kors tal-ghazla liema ghazla affettwat lir-rikorrent ingustament, haga li ma gietx ippruvata.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimati dwar il-meritu u naturalment jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------